**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Claire L Stafrace Zammit B.A. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Bernard C. Spiteri]**

**vs**

**Joseph Borg**

**Kumpilazzjoni Numru: 1030/10**

**Illum, 11 ta' Marzu, 2019**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra Joseph Borg detentur tal-karta tal-identita` numru 149471M akkuzat talli nhar is-26 ta' Mejju,

2010, ghall-habta tas-sitta u nofs ta' filghaxija (18:30hrs) waqt li kien gewwa l-Ghassa tal-Pulizija fin-Naxxar:

1. Talli ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bi qerq holoq traci ta' reat b'mod li setghu jinbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dan ir-reat kien sar.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta (6) ta' Ottubru tas-sena elfejn u ghaxra (2010) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat il-fedina tal-imputat li hija wahda netta hlief ghal disprezz tal-Qorti li jmur lura ghas-sena 1997;

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluz il-provi prodotti;

Illi xehed <u>l-Ispettur Bernard Charles Spiteri</u> li qal li fis-26 ta' Mejju 2010 Joseph Borg, li gharaf fl-awla, kien dahal jaghmel rapport l-ghassa tan-Naxxar ghall-habta ta' 6:45pm fejn qal li ftit tal-hin qabel kellu xi argument ma' certu persuni Anglu u Pierre Mifsud liema argument gara fi Triq San Gwann, il-Maghtab. L-Ispettur spjega li l-imputat ghandu razzett il-Maghtab u hemm diversi argumenti civili bejnu u Anglu u Pierre Mifsud u di fatti hemm diversi rapporti u kif ukoll xi proceduri kriminali kontra xulxin.

Ir-rapport kien fis-sens li kienu marru tal-Enemalta biex iwahhlu d-dawl ghax dan kien maqtugh u x'hin kien fuq il-post l-ahwa Mifsud rassewh bil-karozza u bdew jghajtu u anke jghidu lil tal-Enemalta biex ma jwahhlulux id-dawl. Jghid li l-pulizija kienu baghtu ghall-impjegati tal-Enemalta li qalu li kien veru li marru fuq il-post biex iwahhlu d-dawl izda li ma raw l-ebda glied jew kommossjoni u ma semghu l-ebda insulti bejn l-ahwa Mifsud u l-imputat. Qalu li veru li kien hemm l-ahwa Mifsud li gew hdejhom izda fl-ebda hin ma kellmu lil Joseph Borg jew qalulu xi kliem ta' daghha jew theddid u lanqas rawhom isuqu ghal fuqu. L-Ispettur kompla jghid li kien baghat ghall-ahwa Mifsud li cahdu dan kollu. Huwa ghalhekk imbaghad baghat ghall-imputat li, wara li nghata

s-solitu twissija, ghazel li jwiegeb ghad-domandi fejn kompla jinsisti li veru saqu ghal fuqu u baqa' jinsisti fuq ir-rapport li kien ghamel u cahad li dan kien rapport falz. L-Ispettur ikkonferma li kienu ttiehdu proceduri wkoll fil-konfront tal-ahwa Mifsud fuq dan l-istess rapport.

In kontroezami l-Ispettur qal li kien sema' li xi zmien wara meta l-Enemalta regghu maru fuq l-istess post l-ahwa Mifsud ma hallewhomx jinstallaw id-dawl u ghalhekk kienu nizlu zewg ufficcjali tal-pulizija. L-Ispettur esebixxa l-istqarrija tal-imputat (Dok. BCS4 a folio 19) liema stqarrija ttiehdet wara li nghatalu d-debita twissija.

Fl-istqarrija tieghu l-imputat qal li ghandu raba lejn il-Maghtab fejn ghandu wkoll dizgwid mal-ahwa Mifsud u di fatti saru diversi rapporti. Ukoll ikkonferma li kien ghamel rapport wara incident li nqala' fis-26 ta' Mejju 2010. Dakinhar kien mar jaghlef u induna li ma kienx hemm dawl fejn sab li kien hemm *cable* maqtugh. Allura cempel lill-Enemlata fejn mar jiltaqa' maghhom bil-karozza. Tal-Enemalta saqu warajh bil-vann taghhom. Waqt li kien qieghed fl-isqaq kien hiereg Anglu Mifsud bil-vann li x'hin

rah rass ghal fuqu bil-vann u wara waqqaf lil tal-Enemalta fejn baqa' jkellimhom ghal xi zewg minuti. Meta waslu hdejn ir-razzett tfacca Pierre Mifsud li qal lil tal-Enemalta biex ma jaghtux dawl lill-imputat ghax ghandu l-inkwiet maghhom. Dak il-hin tal-Enemalta qalu lill-imputat li ghandu l-inkwiet u ma jistghux ituh dawl ghax kien maqtugh u ghalhekk mar jaghmel rapport l-ghassa tan-Naxxar ghax l-ohrajn baqghu jghajtu u hass li l-affari ser teskala. Meta mistoqsi jekk l-ahwa Mifsud qalulu kliem ta' theddid dakinhar l-imputat qal li le. Huwa qal li hassu offiz ghax rassu bil-vann u waqaf ikellem lil tal-Enemalta u meta kien ir-razzett rega' gie lura u l-ahwa Mifsud hargu b'hafna storbju u ghajjat fejn fehem wiehed minnhom jghid biex ma jtuhx dawl ghax ghandu l-inkwiet maghhom. L-imputat qal li ma jistax jghid la le u lanqas iva dwar jekk sema' kliem ta' daghha. Meta l-Pulizija qalulu li l-verzjonijiet tal-ahwa Mifsud u tal-Enemalta ma jaqblux ma' tieghu l-imputat qal li l-verzjoni tieghu hija l-veritiera. Huwa qal li mhuwiex affattu minnu li r-rapport tas-26 ta' Mejju 2010 huwa falz u li huwa ma kellux ghalfejn jaghmel rapport falz. Huwa zied jghid li l-ahwa Mifsud ma kellhomx ghalfejn ikellmu lil tal-Enemalta.

Xehdet ukoll **WPC50 Oriana Spiteri** li kienet dahhlet ir-rapport ghall-imputat meta mar l-ghassa tan-Naxxar fejn qal li l-ahwa Mifsud l-ewwel rassewh bil-karozza u wara bdew jaghmlu ghalih u qalu lil tal-Enemalta biex ma jghaddulux id-dawl. Meta hija cemplet lill-ahwa Mifsud dawn qalu li kien rapport falz. Meta hija cemplet lil tal-Enemalta dawn ukoll qalu li mhux veru u l-ahwa Mifsud lanqas biss kellmu lil Joseph Borg. Ix-xhud gharfet lill-imputat u esebiet ir-rapport li kien ghamel fis-26 ta' Mejju 2010 (Dok. OS a folio 23).

Illi fir-rapport immarkat Dok. OS hemm irrapportat is-segwenti: *"... hekk kif kien diehel bil-karozza tieghu gewwa Triq San Gwann dawn rassew il-van taghhom u wara hekk kif raw lil tal-Enemalta Anglu u Peter Mifsud hargu u bdew jaghmlu ghalih, huwa kompla jghid ukoll illi dawn bdew jidghu u lil tal-Enemalta bdew jghidulhom biex ihalluh bla dawl. Ghal dan id-diskors il-kwerelant ried jghid illi huwa qabad il-karozza u gie jaghmel rapport l-ghassa fejn qal illi jixtieq illi jittiehdu passi fil-konfront ta' dawn iz-zewg persuni. ..."*

Xehed **Victor Borg** li qal li kien jahdem l-Enemalta. Qal li kienu marru l-Maghtab minhabba hsara u ltaqghu ma' Joseph Borg hdejn wiehed tas-*silencers*. Jghid li kienu tliet impjegati li kienu marru. Meta waslu jghid li l-imghallem ra li d-dawl qieghed maqtugh fuq xi kont u allura ma setghux ituh id-dawl. X'hin l-imghallem qal lill-imputat li huma ser jitilqu 'l hemm l-imputat qal li sejjer l-ghassa. Skont ix-xhud dak kulma gara: *"Dik l-istorja kienet."* Ix-xhud qal li fuq il-post ma ra l-ebda incidenti. Jghid li kien hemm tliet min-nies li hargu fil-bieb tar-razzett. Qal li wiehed jismu Peter, l-iehor Joseph u l-iehor ma jafx. Ix-xhud qal li ma jafhomx dawn n-nies pero` wiehed minnhom kien kellmu u qallu li xi hadd kien gie biex jaqta' d-dawl tal-imputat filghodu. Ix-xhud qal li kien jaf x'isimhom ghaliex kellu miktub fuq it-tahrika. Qal li dawn in-nies ma kellmux lill-imputat. Zied jghid li wara certu zmien kien baghat ghalih l-Ispettur fuq dan il-kaz. Ix-xhud milli jiftakar jahseb li gharaf lill-imputat.

In kontroezami x-xhud baqa' jinsiti li ma kienx jaf lil dawn it-tliet min-nies qabel ma bdew dawn il-proceduri. Qal ukoll li huwa saq wara l-imputat u ma jidhirlux li kienu gejjin karozzi mid-direzzjoni opposta. Skont ix-xhud kellu vizwali ta' x'kien hemm

quddiem il-karozza tal-imputat u ma jidhirlux li kien hemm vetturi ohra. Ix-xhud jghid li ma semghax ghajjat. Qal ukoll li kien rega' mar zmien wara ghand l-imputat u regghet inqalghet kwistjoni fejn Joseph Borg ried id-dawl u l-ohrajn (Peter jew Joseph) bdew jghidu *"ara ma ttihx id-dawl!"* Skont ix-xhud dakinhar meta regghu marru kien hemm ghajjat u storbju. L-impjegati tal-Enemalta cemplu lill-*foreman* u spicca gie fuq il-post jillitika maghhom. Dakinhar gew ukoll il-pulizija. Ix-xhud wara bosta domandi tad-difiza kkonferma li dakinhar l-ahwa Mifsud qalghu l-incident. Dakinhar spiccaw qabdu d-dawl ghall-imputat.

Illi xehed **Peter Mifsud** li qal li kien gewwa l-bieb tar-razzett meta wasal il-vann tal-Enemalta mal-hajt taghhom. Huwa jghid li l-impjegat tal-Enemalta li kien qieghed isuq kellem lil huh li kien qieghed barra gol-vann. Ix-xhud jghid li ma kienx hemm glied u jghid li laqas mar hdejn l-imputat u fil-fatt jghid li rega' dahal 'il gewwa mix-xatba gol-ghalqa taghhom. Qal li ma kienx hemm glied u l-imputat telaq qabel l-impjegati tal-Enemalta. Imbaghad baghtu ghalih il-Pulizija fejn rega' qal li ma kien hemm l-ebda incidenti. Ix-xhud gharaf lill-imputat.

In kontroezami Peter Mifsud jghid li huh kien telaq bil-vann: *"Kien telaq naqra 'l barra. Fejn mar ma nafx imbaghad... Kien hareg 'il barra li sejjer lejn id-dar."* Minflok mar id-dar huh mar l-ghalqa u rega' gie wara hames minuti u fil-fatt meta x-xhud rega' hareg sab il-vann max-xatba u kien hemm ukoll il-vann tal-Enemalta. Ix-xhud jghid li meta huh kien qed ikellem lil tal-Enemalta ma jafx jekk kienx barra jew gewwa l-vann. Dak il-hin Joseph Borg ma kienx hdejhom, kien iktar 'il fuq ghax huwa joqghod iktar 'il fuq minnhom. Meta tal-Enemalta marru hdejn l-imputat ix-xhud jghid li huma ma marrux hdejhom. Ix-xhud jghid li Joseph Borg telaq fl-istess hin li telqu tal-Enemalta.

Meta rega' gie kontroezaminat qal li huwa gewwa kien u x'hin hareg barra ma ra xejn. Huwa qal ukoll li ma sema' xejn. Meta gie mistoqsi ghalfejn hareg barra qal li billi hareg barra ma ghamel xejn hazin. Ix-xhud jghid li nesa' hafna mid-dettalji. Jghid li x'gara bejn huh u Joseph Borg meta kienu fil-vannijiet ma jafx ghaliex ma kienx mieghu. Huwa sahanistra jghid li ma jafx kemm-il darba Enemalta marru fuq il-post u ma jiftakarx jekk huh u hu bdew iwaqqfu lil tal-Enemalta milli jqabbdu d-dawl lill-imputat. Lanqas ma jiftakar li kienu gew il-Pulizija fuq il-post. Ix-

xhud pero` jiftakar li ma kienx hedded lill-impjegati tal-Enemalta: *"M'heddidt lil hadd jien."*

Xehed ukoll <u>**Angelo Mifsud**</u> li qal li l-imputat kien ghamel rapport li hu u huh, Peter Mifsud, saqu ghal fuqu u sawtuh u hedduh izda dan m'hu minnu xejn. Qal li kien Mejju tas-sena 2010 meta gew tal-Enemalta. Ix-xhud jghid li kien hemm il-vettura tal-imputat quddiem, tal-Enemalta fin-nofs u tieghu wara fejn huwa pparkja fil-genb bhas-soltu. Ix-xhud jghid li dahal gewwa fix-xatba u lanqas kellmu lill-imputat u minn hemm ma jafx x'gara. Ix-xhud spjega li kien hemm kwistjonijiet ohra l-Qorti fuq gideb u fil-fatt saru hafna aktar rapporti. Ix-xhud gharaf lill-imputat.

In kontroezami x-xhud qal li iva kien hareg mill-garaxx ghaliex kien sejjer id-dar. Qal ukoll pero` li ghandu hafna ghelieqi u *"filli nkun sejjer id-dar jew immur l-ghalqa jew nerga' ndur."* Ix-xhud ikkonferma li kien mar bil-vann u meta kien fi triqtu inzerta lill-imputat fejn skont hu cedilu biex jghaddi fil-wisgha. Qal li wara l-vettura tal-imputat kien hemm il-vann tal-Enemalta. Huwa jghid li fejn ceda lill-imputat it-triq hija wiesgha u jghaddu zewg trakkijiet. Ix-xhud jinnega li kellem lill-imputat u innega wkoll li

fil-parti d-dejqa pprova jidhol fih. Jghid li dan huwa kollu gideb. Qal li mar l-ghalqa u wara rega' mar il-garaxx hdejh huh li kien gewwa. Huwa jghid li kellmu lil tal-Enemalta (mill-*gate* 'il gewwa) fejn qalulhom li filghodu kienu gew jaqtghu d-dawl tal-imputat. Ix-xhud jinnega li kellem lill-imputat u li ghamlu storbju.

Xehed ukoll **Marco Calleja** li qal li kien xoghol mal-Enemalta fejn kellhom isewwu d-dawl u f'salt wiehed il-*linesman* qal: *"Irkbu u tlaqna 'l hemm... ghax ma nistghux nahdmu."* Ix-xhud jghid li ma ra xejn. Laqas jaf x'gara ghaliex hu kien hdejn il-vann. Fuq domanda tal-Qorti ix-xhud qal li ma staqsiex ghaliex ma setghux jahdmu pero` l-*linesman* qal *"immorru ghax ma hallewniex nahdmu."*

In kontroezami x-xhud qal li kien hemm nies fejn waqfu bil-vann pero` ma kienx jafhom u ma kellimhomx. Ix-xhud qal li lanqas ma ra lill-imputat dakinhar.

Xehed ukoll **PS1131 Justin Camilleri** li qal li fis-26 ta' Mejju 2010 ghall-habta tas-6:45 ta' filghaxija gie jirrapporta Joseph Borg li qal li kienu gew xi haddiema tal-Enemalta biex iqabdulu d-dawl u

certu Angelo u Peter Mifsud bdew jghajtu fuq il-post u jidghu u jghidu lil tal-Enemalta biex ma jqabdulux id-dawl. Waqt li l-imputat kien qed jaghmel ir-rapport qal ukoll li Angelo u Peter rassewh bil-karozza. Angelo u Peter Mifsud cahdu dawn l-allegazzjonijiet u baghtu wkoll ghall-*linesman* tal-Enemalta, Frans Vella, li qal li kien qieghed hemmhekk u ma kien hemm l-ebda argument u l-ebda ghajjat u l-ebda dagha bejn Mifsud u s-Sur Borg. Ix-xhud qal li l-*linesman* biss kien mar l-ghassa fejn tkellem f'isem l-ohrajn ukoll.

Illi xehed **Frans Vella** li qal li kien cempel individwu minhabba li ma kellux dawl. Ix-xhud ma jafx min kien l-individwu u di fatti m'gharfux fl-awla. Meta wasal fuq il-post ix-xhud jghid li nduna li d-dawl kien maqtugh minhabba xi kont pendenti allura informa lill-imputat li ma setghax itih id-dawl fejn l-imputat qallu li ser imur l-ghassa tan-Naxxar. Skont ix-xhud daqshekk kulma gara. Ix-xhud qal li sakemm dam hemm ma nqala' xejn. Qal li l-imputat ma tahx raguni ghalfejn kien sejjer l-ghassa tan-Naxxar. Ix-xhud qal li kien spjega lill-imputat ghalfejn ma setghax itih id-dawl.

Illi xehed l-imputat **Joseph Borg** li qal li r-razzett inkwistjoni kien ta' Joseph Micallef izda dan ghaddieh lilu b'kuntratt. Fis-26 ta' Mejju 2010 dahal fir-razzett u nduna li ma kellux dawl fejn induna li kien hemm *wire* maqtugh. Irraporta lil Enemalta u ltaqa' maghhom hdejn tas-*silencers* fejn huma hu dehlin mill-isqaq ra vann gej misjuq minn Anglu Mifsud fejn dan saq ghal fuqu. L-imputat qal li Anglu Mifsud jigi minn Joseph Micallef. L-imputat spjega li l-isqaq hu dejjaq u ma jghaddux zewg vannijiet minnha flimkien. It-triq kollha dejqa jghid, mill-bidu sal-ahhar. Skont l-imputat Anglu Mifsud saq ghal fuqu biex igieghlu jieqaf fejn fil-fatt waqaf mentri Anglu baqa' sejjer bil-vann tieghu hgiega ma' hgiega mal-vann. L-imputat jghid li l-vann tal-Enemalta kien miexi wara l-vann tieghu u x'hin Anglu gie vicin il-vann tal-Enemalta beda jkellimhom mill-hgiega. L-imputat jghid li ma setghax jisma' dak li ntqal. La waslu jghid li huwa waqaf quddiem ir-razzett tieghu mentri tal-Enemalta waqfu quddiem ix-xatba ta' Anglu u Peter Mifsud. Dak il-hin hareg Peter Mifsud jidghi u jiftah idejh u jghid li l-imputat ghandu l-inkwiet maghhom u ma jistghux iqabdulu d-dawl. Wiehed minn tal-Enemalta mar hdejn il-*wire* u qal lill-imputat: *"Hawnhekk ghandek it-trouble."* Jghid li sadanittant wasal Anglu ghax kien segwihom u beda jidghi u

jheddu u beda jibza' allura rega' staqsa lil tal-Enemalta jekk kinux ser ituh id-dawl u meta qalulu li le qal li ser imur jaghmel rapport l-ghassa ta' dan it-theddid u dagha kollu. L-imputat meta ra li l-affari qed tiskala telaq ghax gieli kienu hebbew ghalih u fil-fatt kienu tressqu quddiem il-Qorti u nstabu hatja. L-imputat qal li fit-tieni okkazzjoni meta l-Enemalta gew biex ituh id-dawl kien hemm il-familja shiha Mifsud u kienu anki ghalqu t-triq biex il-vann tal-Enemalta ma jghaddix. Dakinhar kellha tintervjeni l-pulizija u l-impjegati tal-Enemalta spiccaw qabdulu d-dawl. L-imputat qal li m'hemmx verita` fix-xhieda taghhom, specjalment dik ta' Peter Mifsud. L-imputat jikkonkludi x-xhieda tieghu billi jghid li huwa m'ghandhux minn xiex jinsa' jew jibza' ghax kollu verita` li qed jghid.

Id-difiza ghamlet kontroezami tal-Ispettur Bernard Charles Spiteri li kkonferma li zmien wara kienu marru zewg pulizija fuq il-post. Dan kien xi Settembru jew Ottubru. L-Ispettur jghid li ma jiftakarx ghaliex hass il-htiega li jibghat zewg pulizija fit-tieni okkazzjoni u ma sab l-ebda notamenti fil-fajl ghaliex kien baghathom pero` jissopponi li kienu ntbaghtu ghal ragunijiet ta' buon ordni.

Ikkunsidrat:

Illi din il-kawza hija bbazata fuq l-Artikolu 110 (2) li jghid hekk:

> *"(2) Kull min jiddenunzja lill-Pulizija E¿ekuttiva reat li jaf li ma sarx, inkella bil-qerq joħloq it-traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali sabiex ji¿guraw li dak ir-reat kien sar,jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal ¿mien ta' mhux aktar minn sena."*

F'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Novembru 1949 bl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Vincenzo Attard</u> gie deciz:

> *"Biex ikun hemm ir-reat ta' falza denunzja hemm bzonn li d-denunzja falza tkun dwar delitt jew kontravvenzjoni li jaghtu lok ghal azzjoni kriminali persegwibbli quddiem il-Qorti ta' Gustizzja Kriminali."*

Il-<u>Professur Mamo</u> fin-noti tieghu ghandu dana xi jghid dwar dina d-dizpozizzjoni tal-ligi u cioe':

*"The simulation of an offence is considered as a crime for the injury which it does to the administration of justice by misleading it; for the alarm which the news of an offence causes in the public; for the inconvenience and expense to which the officers of justice may be put; for the danger of suspicions and molestations to which law-abiding citizens may be exposed in the attempt to ascertain an imaginary fact. ... This crime differs from that of calumnious accusation in as much as in the simulation of offence there is no specific accusation against any determinate person and there is not, therefore, the intent to cause an innocent person to be unjustly convicted or charged. The simulation may be either verbal or direct or real or indirect. The former must consist in a denunciation that is in an information or report or complaint to the Executive Police: and the crime is completed by the presentation of such information report or complaint, so that the subsequent confession of the untruth would not avail to exclude it. ... Finally the denunciation must be made without specifying the supposed offender;*

*otherwise this crime degenerates into that of calumnious accusation."*

F'sentenza moghtija mil-Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) bl-ismijiet Il-Pulizija vs David Mizzi (16 ta' Frar 1998) gie deciz:

*"Kwantu ghar-reat ikkontemplat fl-artikolu 110(2) – is-simulazzjoni ta' reat – dan, bhal tal-kalunja, jinqasam f'simulazzjoni reali jew indiretta u f'simulazzjoni verbali u diretta. Is-simulazzjoni reali jew indiretta tavvera ruhha meta wiehed bil-qerq johloq tracci ta' reat b'mod li jistghu jinbdew proceduri kirminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar. Is-simulazzjonui verbali jew diretta tirrikjedi semplicement li l-agent jiddenunjza lill-Pulizija Ezekuttiva reat li hu jkun jaf li ma sarx. Ghalhekk element kostituttiv ta' dan ir-reat hu l-konsapevolezza ta'l-agent li r-reat li hu qed jiddenunzja fil-fatt ma sehhx."*

Illi dan ir-reat ta' falza denunzja huwa simili hafna tar-reat ta' kalunja kontemplat bl-Artikolu 101 tal-Kapitolu 9 fejn fir-reat ta' falza denzunzja ta' reat kullma hu rikjest huwa li l-agent

jirraporta reat minghajr ma' jsemmi persuni mentri fir-reat ta' kalunja l-agent ghandu jirraporta lill-pulizija fuq allegat reat minn persuna partikolari.

Illi f'sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali bl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Doreen Zammit**</u> deciza fil-15 ta' Gunju 2001 gie deciz fuq ir-reat ta' kalunnja:

> *"Kull ma jirrikjedi l-artikolu 101 (reat ta' kalunnja) huwa l-att materjali tar-rapport lill-awtoritajiet kompetenti, u l-element formali fis-sens li min ghamel dak ir-rapport kontra persuna fejn akkuzata b'reat, kien jaf li dik il-persuna fil-fatt ma kenitx ghamlet dak ir-reat, bil-konsegwenza naturali li tali agir effettivament iwassal sabiex tigi kagjonata hsara lill-persuna rapportata. Kif dejjem gie ritenut, wiehed huwa tenut dejjem responsabbli ghall- konsegwenzi naturali ta' dak li intenzjonalment u volontarjament jaghmel."*

Illi ghalhekk huwa car u evidenti illi l-unika akkuza li gie akkuzat biha l-imputat hija dik taht l-Artikolu 110(2) tal-Kapitolu 9 li

tirreferi ghal denunzja falza ta' reat u mhux dik tal-kalunnja kontemplata fl-Artikolu 101 tal-Kapitolu 9 u ghalhekk gialadarba l-imputat kien car fir-rapport tieghu li ghamel il-pulizija li semma' lill-ahwa Mifsud bhala dawk li kienu allegatament aggredewh, mela l-provvedimenti tal-Artikolu 110(2) certament ma japplikawx f'dan il-kaz. In-nuqqas tal-prosekuzzjoni li zzid ukoll ir-reat ta' kalunnja certament ghandu jmur favur l-imputat.

Ghal dawn il-motivi ma ssibx lill-imputat **Joseph Borg** hati tal-akkuza kif dedotta kontrih u tilliberah minnha stante li ma gietx ippruvata.

________________________________________

**Ft./Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**